MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 1538/2001/1

***Frank P. Borg Limited***

***Versus***

**Joseph Camilleri**

F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha sebgħa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u sebgħin lira u sbatax-il ċenteżmu (Lm27,277.17) – daqs tlieta u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€63,538.71) – prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lilu li baqa' ma ħallasx għalkemm imsejjaħ kemm-il darba. Qiegħda titlob ukoll l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż tal-kawża.

L-attriċi kienet talbet ukoll illi l-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b'dikriet tas-16 ta' Novembru 2001 ċaħdet dik it-talba u ordnat illi l-kawża tkompli miexja bil-proċedura

normali. Il-konvenut imbagħad ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. is-soċjetà attriċi għandha tagħmel il-prova li bigħet lill-konvenut merkanzija li tiswa daqskemm muri fuq il-kontijiet tagħha;
2. il-bilanċ li l-konvenut għandu jagħti huwa anqas minn dak mitlub għax saru ħlasijiet akkont; u
3. il-konvenut ma għandux ibati spejjeż għax ġie mħarrek mingħajr verifika ta' kontijiet u bla ma kien imsejjaħ biex iħallas.
Sabiex igħinha fil-verifika tal-kontijiet il-qorti b'dikriet ta' l-1 ta' Marzu 2002 ħatret perit komputista u dan ħalef ir-rapport fit-18 ta' Novembru 2005.
Il-perit, wara li qies id-dokumenti prodotti mill-partijiet u għamel verifika għaqlija tal-kontijiet, sab illi matul iż-żmien relevanti għall-għanijiet tal-kawża l-attriċi kienet bigħet lill-konvenut merkanzija li tiswa ħamsa u erbgħin elf, mitejn u sebgħa u sebgħin lira u sbatax-il ċenteżmu (Lm45,277.17) u illi l-konvenut ħallas tmienja u tletin elf u mitt lira (Lm38,100) li minnhom tmintax-il elf lira (Lm18,000) huma imputabbli għall-konsenji li għalihom qiegħed jintalab ħlas, u hekk jifdal bilanċ favur l-attriċi ta' sebgħa u għoxrin elf, mitejn u sebgħa u sebgħin lira u sbatax-il ċenteżmu (Lm27,277.17), daqskemm qiegħda titlob l-attriċi.
Wara li qieset ir-rapport ta' l-espert, ix-xiehda u l-osservazzjonijiet li għamlu l-partijiet il-qorti hija tal-fehma illi għandha toqgħod fuq il-konklużjonijiet ta' l-espert billi ma tressqet ebda raġuni valida li twaqqa' dawk il-konklużjonijiet.
Għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u sittin elf, ħames mija u tmienja u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€63,538.71) flimkien ma' l-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------